# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2017**

**Kawza Nru. 3**

**Ċitazz. Nru. 773/00JRM**

Aaron **HAROUN**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u l-Onorevoli Ministru tal-Intern u d-Direttur tal-Ħabs, illum il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, ilkoll għan-nom tal-Gvern ta' Malta

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' April, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li bl-imġiba tagħhom l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għall-ksur tat-termini tal-kuntratt tal-impieg tiegħu, b'mod partikolari tal-artikolu 3 tal-istess kuntratt; (ii) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu lejh tad-danni li huwa ġarrab minħabba l-ksur tal-imsemmija klawsoli kuntrattwali; (iii) tillikwida d-danni mġarrbin minnu minħabba l-konsegwenzi tal-ksur ta' tali kuntratt; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex

iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta' Ġunju, 2000, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew il-litispendenza għaliex qalu li f'kawża oħra li fetaħ fl-istess jum[1], l-attur kien ressaq l-istess talbiet; li l-imħarrkin Ministru tal-Intern u d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ma kinux il-leġittimi kontradditturi tal-azzjoni attriċi billi l-ħatriet u t-temm tal-impieg fis-servizz pubbliku jaqgħu taħt is-setgħat tal-imħarrek Prim Ministru li jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; u li, ladarba t-temm tal-ħatra tal-attur saret fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taħt l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, l-ebda Qorti ma tista' tistħarreġ il-kwistjoni dwar jekk dik il-Kummissjoni tkunx qdiet sewwa l-funzjonijiet tagħha. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-temm tal-ingaġġ tal-attur sar skond ma titlob il-liġi bir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-imħarrek Prim Ministru mexa magħha. Żiedu jgħidu li l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma huma mistħoqqa billi ma sar l-ebda ksur tal-kuntratt ladarba l-kuntratt ma kienx reġa' ġġedded għal tliet (3) snin wara li għalaq iż-żmien oriġinali miftiehem. Filwaqt li qalu li l-attur wera ruħu bħala persuna li ma kenitx ta' ħila fit-twettiq tax-xogħol li tqabbdet tagħmel, ċaħdu li huma b'xi mod ikkawżawlu xi danni b'dak li sar;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, u kif ukoll il-provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2009[2], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-15 ta' Ġunju, 2010[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-17 ta' Settembru, 2010[4], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk tal-kawża fl-istess ismijiet u li kienet qiegħda tinstema' flimkien ma' din;

---

[1] Ir-riferenza hija għall-kawża Ċitazz. Nru. 772/00 fl-istess ismijiet li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum
[2] Paġ. 124 tal-proċess
[3] Paġġ. 131 – 8 tal-proċess
[4] Paġġ. 142 sa 151 tal-proċess

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba ksur ta' kuntratt. L-attur irid li din il-Qorti ssib li l-mod kif ma ġġeddidlux aktar l-impieg tiegħu mal-Gvern sar bi ksur tal-liġi billi ma sarx skond kif stabbilit fil-kuntratt tal-impieg tiegħu u wkoll billi matul iż-żmien li tħalla jaħdem ma sarux minn żmien għal żmien rapporti ta' aċċertament ("*periodic review reports*") dwar il-mod kif kien qiegħed iwettaq il-ħidma tiegħu u wisq anqas ma ngħata rendikont ta' dak li seta' kien aċċertat dwaru. Huwa jgħid li, minħabba l-ksur tat-tħaris tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt, l-imħarrkin jew min minnhom jaħtu għad-danni li ġarrab minħabba li ntemmlu l-impieg u jrid li l-Qorti tillikwida tali danni;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, eċċepew il-litispendenza għaliex qalu li f'kawża oħra li fetaħ fl-istess jum[5], l-attur kien ressaq l-istess talbiet; li l-imħarrkin Ministru tal-Intern u d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ma kinux il-leġittimi kontradditturi tal-azzjoni attriċi billi l-ħatriet u t-temm tal-impieg fis-servizz pubbliku jaqgħu taħt is-setgħat tal-imħarrek Prim Ministru li jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; u li, ladarba t-temm tal-ħatra tal-attur saret fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku taħt l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, l-ebda Qorti ma tista' tistħarreġ il-kwistjoni dwar jekk dik il-Kummissjoni tkunx qdiet sewwa l-funzjonijiet tagħha. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-temm tal-ingaġġ tal-attur sar skond ma titlob il-liġi bir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-imħarrek Prim Ministru mexa magħha. Żiedu jgħidu li l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma huma mistħoqqa billi ma sar l-ebda ksur tal-kuntratt ladarba l-kuntratt ma kienx reġa' ġġedded għal tliet (3) snin wara li għalaq iż-żmien oriġinali miftiehem. Filwaqt li qalu li l-attur wera ruħu bħala persuna li ma kenitx ta' ħila fit-twettiq tax-xogħol li tqabbdet tagħmel, ċaħdu li huma b'xi mod ikkawżawlu xi danni b'dak li sar;

Illi l-<u>fatti tal-każ li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-attur, fis-7 ta' Ottubru, 1996, kien inħatar b'kuntratt biex jaqdi d-dmirijiet ta' Assistent *Manager* Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi għal żmien sentejn, liema

[5] Ir-riferenza hija għall-kawża Ċitazz. Nru. 772/00 fl-istess ismijiet li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum

kuntratt seta' jiġġedded għal perjodi oħrajn ta' tliet (3) snin kull wieħed. Kull parti fil-kuntratt kellha l-jedd li, minkejja ż-żmien ta' sentejn miftiehem għall-ħatra, ittemm il-kuntratt billi tagħti lill-parti l-oħra avviż bil-miktub ta' tliet (3) xhur. L-ittra tal-ħatra ntbagħtet lill-attur mill-Ministru konċernat fl-4 ta' Ottubru, 1996[6], b'kopja tal-kuntratt tal-impieg mehmuż magħha[7]. Il-ħatra saret mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-ħatra kienet regolata bil-Kostituzzjoni, bil-kuntratt u bir-regoli ġenerali tas-servizz pubbliku sakemm dawn jaqblu mal-Kostituzzjoni u l-kuntratt;

Illi minn Ġunju sa Awwissu tal-1998, tnieda kors għall-"*Middle Management*" tal-Faċilita'[8]. L-attur kiteb lid-Direttur tal-Faċilita' fil-11 ta' Ġunju, 1998[9], biex jitolbu jeżentah milli jattendi minħabba li huwa kellu diġa' kwalifiki akkademiċi għolja fis-suġġetti u minħabba li l-kors kien ser jingħata minn persuni li kienu jaqgħu f'kariga taħt dik li kellu hu. Id-Direttur wieġbu b'ittra tas-17 ta' Ġunju, 1998[10], biex jgħidlu li mhux biss ma kienx qiegħed jeżentah milli jattendi, imma talli bin-nuqqas tiegħu li jattendi kien ikkommetta att ta' insubordinazzjoni u widdbu li kien sejjer jirrakkomanda li, malli jagħlaq il-kuntratt, ma jiġġeddidlux. Wara l-ħruġ tal-imsemmija ittra, l-attur ħareġ b'*leave* tal-mard[11];

Illi meta għalaq il-kuntratt fis-6 ta' Ottubru, 1998, l-attur ma ngħatax kuntratt ta' mpieg ġdid, imma baqa' jaħdem fil-Faċilita' Korrettiva u żamm il-kariga li kien ingħata fil-kuntratt u baqa' jitħallas il-paga bħal qabel[12];

Illi b'rapport magħmul bħala *assessment report* fil-bidu ta' Jannar, 1999[13], id-Direttur tal-Faċilita' kien qal li mill-mod kif l-attur kien iġib ruħu, ma kenitx għażla tajba li ngħata l-impieg. Madankollu, f'Ġunju tal-1999[14] id-Direttur (li sadattant kien temm il-ħatra tiegħu u sar Kap tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili) kiteb ittra ta' riferenza lir-Reġistratur tal-Universita' dwar is-servizz fejjiedi li l-attur kien ta matul l-impieg tiegħu mal-Faċilita' sa dakinhar. L-imsemmi ex-Direttur[15] fisser li, fiż-żmien li kiteb dik l-ittra (jiġifieri fis-sena meta ġġedded il-kuntratt tal-attur wara li kien għalaq il-kuntratt oriġinali), l-attur kien tejjeb is-servizz tiegħu u dan fi żmien meta d-Direttur kien għaddej minn perjodu iebes fil-familja minħabba saħħet martu;

---

[6] Dok "A" f'paġ. 6 tal-proċess
[7] Dok "B", f'paġġ. 7 sa 13 tal-proċess
[8] Dok "AH25", f'paġġ. 163 – 4 tal-atti tal-kawża 772/00
[9] Dok "OPM4", f'paġ. 316 tal-atti tal-kawża 772/00
[10] Dok "OPM5", f'paġġ. 317 – 8 tal-atti tal-kawża 772/00
[11] Dokti "OPM1" u "OPM2", f'paġġ. 312 – 3 tal-atti tal-kawża 772/00
[12] Xhieda tal-attur f'paġġ. 85 – 6 tal-atti tal-kawża 772/00
[13] Dok "OPM6", f'paġġ. 319 – 320 tal-atti tal-kawża 772/00
[14] Ara Dokti "AH26" u "DM", f'paġġ. 162 u 215 tal-atti tal-kawża 772/00
[15] Xhieda tiegħu f'paġġ. 330 – 1 tal-atti tal-kawża 772/00

Illi fit-12 ta' Lulju, 1999[16], ħarġet akkuża ("*charge*") dipartimentali kontra l-attur minħabba xogħol ta' interpretu li jidher li ta bi ħlas fi proċeduri fil-Qrati ta' Malta matul ix-xhur ta' Marzu, April u Ġunju ta' dik l-istess sena bi ksur tar-Regolamenti tal-Ħabs. L-attur jgħid li d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kien ċempillu biex jiffirma l-avviż tal-akkuża minnufih, waqt li l-attur kien qiegħed l-isptar jassisti 'l martu li kienet waslet biex twelled[17];

Illi l-imsemmija proċeduri tmexxew minn Bord ta' Dixxiplina mwaqqaf taħt ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għall-uffiċjali Pubbliċi[18];

Illi fit-12 ta' Ottubru tal-1999, waqt li l-attur kien xogħol, intalab minn uffiċjal tal-Pulizija biex joħroġ minn hemm dak il-ħin stess bil-"*leave*"[19]. L-attur talab li l-ordni li ngħatatlu bil-fomm tingħatalu bil-miktub. Huwa ntalab ma jmurx iżjed għax-xogħol;

Illi l-attur ingħata ħjiel tat-temm tal-kuntratt tal-impieg tiegħu meta ra rapport f'gażżetta lokali[20] b'rabta ma' ħarba minn sptar ta' priġunier Libjan tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li kien taħt skorta[21];

Illi fil-25 ta' Ottubru, 1999, inżamm l-ewwel smigħ quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u f'dik il-laqgħa, id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva wieġeb lill-Bord li l-attur sa dakinhar kien għadu impjegat. Fis-26 t'Ottubru, 1999[22], b'ittra li twasslitlu mix-xufier tad-Direttur, l-attur kien ġie mgħarraf li l-impieg tiegħu kien qiegħed jintemmlu b'seħħ minn dak inhar u li l-kuntratt ma kienx qiegħed jiġġedded. L-ittra mibgħuta lill-attur mid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi tgħid li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Gvern kienet approvata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[23];

Illi fil-25 t'April, 2000, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi sa minn qabel ma l-attur kien ingħata l-impieg mertu tal-kawża u wkoll wara li ntemmlu l-istess impieg, huwa kien jitqabbad mill-Qrati biex iservi bħala interpretu jew traduttur fejn xi parti tkun titħaddet f'xi lsien jew

---

[16] Dok "AH1", f'paġġ. 93 – 4 tal-atti tal-kawża 772/00
[17] Ara Dok "AH, f'paġ. 92 tal-kawża 772/00
[18] Regolamenti ta' Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku A.L. 5 tal-1977 mibdul bl-A.L. 186 tal-1999 (L.S. Kost. 03) b'seħħ mill-1.2.2000
[19] Xhieda tiegħu f'paġ. 102 tal-attit al-kawża 772/00
[20] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 14 tal-atti tal-kawża 772/00
[21] Xhieda tal-attur f'paġ. 106 tal-atti tal-kawża 772/00
[22] Dok "D", f'paġ. 15 tal-proċess
[23] Xhieda ta' John Abela f'paġġ. 448 sa 451 tal-atti tal-kawża 772/00

djalett għarbi, u dan għaliex l-attur (jgħid li) kien il-persuna waħdanija f'Malta li tagħraf u titħaddet id-djaletti għarab[24];

Illi f'Ġunju tal-2000, il-Bord tad-Dixxiplina ta d-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkużi maħruġin kontra l-attur billi sab li ma kienx ħati u nħeles mill-istess akkużi[25]. L-attur kien mgħarraf b'din id-deċiżjoni f'Awwissu tal-2000[26], meta ngħadlu wkoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet qablet mad-deċiżjoni meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ il-Qorti tqis li jixraq li, qabel tgħaddi biex tikkunsidra l-azzjoni attriċi fil-mertu, tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni preliminari dwar il-litispendenza**. Kif ingħad qabel, dakinhar stess li l-attur fetaħ din il-kawża, huwa fetaħ kawża oħra ta' stħarriġ ġudizzjarju marbuta mal-mod kif ittieħdu d-deċiżjonijiet biex il-kuntratt tal-impieg tiegħu ma jiġġeddidx. Għalkemm fil-bidu li bdiet tinstema' l-kawża din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni, minħabba li ż-żewġ kawżi tmexxew flimkien sa mill-bidu, il-kwestjoni ma reġgħetx tqajmet aktar u l-provi miġbura fil-kawża l-oħra kien dikjarat mill-partijiet li jgħoddu għal din ukoll;

Illi ħadd mill-partijiet ma ressaq sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni. Minħabba li fl-istadju li waslet din il-kawża l-Qorti għandha elementi biżżejjed biex tagħti wkoll sentenza fil-mertu, sejra tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 794(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'din iċ-ċirkostanza;

Illi kif inhu magħruf, l-eċċezzjoni tal-"*lis alibi pendens*" hija waħda li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza[27], u l-Qorti, meta tingħatalha dik l-eċċezzjoni, għandha tiddeċidiha b'kap għaliha qabel tgħaddi biex tqis il-mertu proprju tal-kawża, iżda tista' tqis mill-mertu dak li jista' jolqot id-deċiżjoni tal-kwestjoni preliminari, bħalma jiġri fil-każ tal-eċċezzjonijiet ta' natura dilatorja[28];

Illi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* kif imfissra fl-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili hija maħsuba li tagħti s-setgħa lill-Qorti li tagħżel li, kawża mressqa quddiemha li l-mertu tagħha ("l-istess oġġett") qiegħed jinstama' diġa' minn Qorti kompetenti oħra f'kawża mressqa qabilha, tgħaddi t-tieni kawża biex tinstama' minn dik il-Qorti l-

---

[24] Xhieda Suprintendent Neville Aquilina, Spettur Norbert Ċiappara, Peter Cordina u Spettur Sandro Gatt f'paġġ. 195 – 8, 216 sa 220, 221 – 3 u 228 sa 231 tal-atti tal-kawża 772/00
[25] Dok "AHZ", f'paġġ. 202 – 6 tal-atti tal-kawża 772/00
[26] Dok "AHZ1", f'paġ. 201 tal-atti tal-kawża 772/00
[27] Art. 794(1) tal-Kap 12
[28] Art. 729 tal-Kap 12

oħra flimkien mal-ewwel kawża. L-għan ta' din l-eċċezzjoni ġie mfisser bħala dak li bih il-mertu ta' żewġ kawżi li huwa l-istess jinstama' fi proċess wieħed, b'mod li, jekk dik l-eċċezzjoni tintlaqa', tneħħi mill-Qorti li għandha quddiemha t-tieni kawża l-kompetenza li tkompli tismagħha;

Illi f'dan id-dawl, jingħad li għalkemm il-liġi tħalli għażla lill-Qorti jekk tgħaddix jew le t-tieni kawża lill-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża fuq l-istess mertu, tali għażla mhux suppost tibqa' jekk kemm-il darba l-elementi tal-*litis pendentia* jseħħu u jiġu pruvati wara li tittella' eċċezzjoni bħal dik[29]. Jingħad li dan huwa, fil-qofol, dak li jagħraf lil din l-eċċezzjoni minn dik li tixxiebah magħha tal-konnessjoni tal-kawżi[30];

Illi minħabba f'hekk, din l-eċċezzjoni titqies bħala waħda perentorja tal-ġudizzju, u tixxiebah (f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha) mal-eċċezzjoni tal-ġudikat[31];

Illi l-elementi li jsejsu l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia*, għalhekk, huma (a) li l-partijiet fiż-żewġ kawżi huma l-istess; (b) li l-mertu taż-żewġ kawżi jkun l-istess; (ċ) li t-talba fit-tieni kawża tkun bħal dik fl-ewwel kawża, ukoll jekk tkun miżjuda ma' talbiet oħrajn; u (d) li l-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża jkollha l-kompetenza tissokta tismagħha;

Illi meta wieħed iqabbel iż-żewġ atti li bihom l-attur fetaħ il-kawżi dwar it-temm tal-impieg tiegħu, wieħed mill-ewwel jintebaħ li, minkejja li ċ-ċirkostanzi fattwali huma l-istess, l-azzjonijiet mhumiex. Din il-kawża hija azzjoni ta' danni minħabba ksur ta' kuntratt, filwaqt li l-kawża l-oħra li fetaħ hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju (b'talba għal-likwidazzjoni tad-danni miżjuda magħha, kif taħseb il-liġi f'azzjoni bħal dik). Minn dan l-eżami, il-Qorti ssib li jonqos għalhekk wieħed mill-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-eċċezzjoni u ssib li dan huwa l-każ ta' kawżi konnessi lid-deċiżjoni f'waħda tista' tolqot lid-deċiżjoni fl-oħra;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni mhijiex tajba u l-Qorti mhix sejra tilqagħha;

Illi f'dak li jirrigwarda **t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari**, il-Qorti tirreferi għas-sentenza preliminari li tat fid-19 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża l-oħra u, għall-istess raġunijiet hemm imfissra, sejra tiċħad l-imsemmija eċċezzjonijiet f'din il-kawża wkoll;

[29] Cfr. Caruana Galizia Notes on Civil Procedure, paġ. 1304; Carre' Leggi di Procedura Vol II, §7826; P.A. **27.1.1873** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela et vs Galea*** (Kollez. Vol: **VI. 392**)
[30] Art. 793 tal-Kap 12
[31] App. Ċiv. **12.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey vs Stellini pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.358**)

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-**azzjoni attriċi fil-mertu** u l-eċċezzjonijiet dwarha. L-attur jgħid li l-imħarrkin (jew min minnhom) kisru l-patti maqbula tal-kuntratt tal-impieg tiegħu billi ma ħarsux il-kundizzjoni tal-istess impieg f'dak li jirrigwarda l-għamla ta' xogħol li qabbduh jagħmel (li ma kienx xogħol xieraq għall-kariga li ngħata ta' *Assistant Correctional Manager*); li ma tħallasx il-benefiċċji li kien intitolat għalihom; li tqiegħed fuq frank furzat ("*forced leave*") bla ma kien hemm raġuni tajba; li twaqqaflu l-impieg bla ma ngħata l-avviż rikjest mill-kuntratt; li ma sarx il-proċess ta' evalwazzjoni li minn żmien għal żmien kellu jsir fil-konfront tiegħu dwar il-mod kif kien qiegħed iwettaq (jew jonqos milli jwettaq) xogħolu fil-Faċilita' korrettiva; u l-mod irregolari kif twaqqaf mill-impieg tiegħu. Huwa jsejjes l-azzjoni tiegħu wkoll fuq il-mod kif ma ġġeddidlux aktar l-impieg tiegħu bla ma tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li kellu;

Illi huwa stabbilit li l-kuntratt tal-impieg joħloq rabta bilaterali bejn min jagħti x-xogħol u min jaħdem. Minkejja li l-kuntratt tal-impieg għandu karatteristiċi li jgħoddu għalih lil hinn minn kuntratti oħrajn (u dan jgħodd iżjed fejn jidħol l-impieg fis-Servizz Pubbliku), l-elementi li jsawru l-imġiba bejn il-kontraenti u l-effetti ta' dik l-imġiba jgħoddu għalihom ir-regoli u l-prinċipji li wieħed isib fid-dritt dwar l-obbligazzjonijiet kuntrattwali;

Illi r-rabta ta' parti f'kuntratt bilaterali bħalma huwa l-kuntratt tal-impieg tnissel id-dmir tat-twettieq xieraq tal-obbligazzjonijiet miftehma. Dawn l-obbligazzjonijiet joħorġu mill-patti miftehma fil-ftehim u, fil-każ tal-impieg, minn dispożizzjonijiet preskritti mil-liġi. Issa n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[32]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, jew ma tagħmilhiex sewwa, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni)[33]. Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[34] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[35], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[36];

[32] Art. 1125 tal-Kap 16
[33] Art. 1127 tal-Kap 16
[34] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[35] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[36] Art. 1135 tal-Kap 16

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[37]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[38];

Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[39]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[40];

Illi meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili. Xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u ma għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[41]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[42], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[43];

Illi l-Qorti sejra tqis il-kawżali li fuqhom l-attur isejjes il-każ tiegħu. L-ewwel kawżali hija fil-każ tan-nuqqas ta' għoti ta' pre-avviż. L-attur jgħid li l-kuntratt tal-impieg tiegħu kien jistabilixxi li, wara l-ewwel sentejn oriġinali tiegħu, kien jiġġedded awtomatikament b'perjodi ta' tliet (3) snin kull wieħed sakemm ma jkunx ingħata avviż minn tal-anqas tliet (3) xhur qabel li dan ma kienx se jiġġedded. Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-attur. Il-kuntratt kien jgħid li "*Subject to the provisions*

---

[37] Art. 1137 tal-Kap 16
[38] Art. 1136 tal-Kap 16
[39] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[40] Art. 1133 tal-Kap 16
[41] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[42] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[43] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)

*of paragraph 3 hereunder, this agreement shall be for a period of two (2) years commencing on .. ..*". Bl-ittra tal-ħatra, ingħad lill-attur li l-kuntratt kellu jibda jseħħ mis-7 ta' Ottubru, 1996. Il-fehma murija mill-attur dwar it-tiġdid tal-kuntratt toħroġ minn Klawsola 3(b) tal-istess li kienet tgħid: "*Unsatisfactory performance as Assistant Correctional Manager during the said two-year period will lead to termination of the contract. At the end of the two-year contract, subject to satisfactory performance, the appointee will be given a three-year contract, renewable for further periods of three years*". Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tiġdid tal-kuntratt wara l-ewwel sentejn ma kienx dipendenti fuq l-għoti ta' pre-avviż u lanqas fuq tiġdid awtomatiku tal-kuntratt oriġinali. L-għoti ta' kuntratt ġdid wara l-ewwel sentejn kien jiddependi minn twettiq b'mod sodisfaċenti tax-xogħol matul il-kuntratt oriġinali u l-għoti ta' kuntratt ġdid ta' tliet snin wara li jintemm l-ewwel kuntratt;

Illi minn dak li seħħ fl-istorja kollha tal-kuntratt tal-attur ħareġ li l-ewwel sentejn tal-kuntratt għaddew u l-kuntratt reġa' ġġedded b'sena oħra bla ma ngħata kuntratt ġdid bil-miktub. Ma reġa' ġġedded qatt għal tliet (3) snin kif kien hemm stipulat fl-imsemmija klawsola. Meta ġġedded b'sena oħra, kienu diġa' tressqu xi lmenti mis-superjuri tiegħu dwar kif l-attur kien qiegħed iwettaq xogħlu, u meta l-kuntratt iġġedded b'sena kien mgħarraf li dan sar biex jingħata l-opportunita' li jtejjeb il-ħidma tiegħu qabel wieħed jiddeċiedi jekk kemm-il darba l-kuntratt kienx se jerġa' jiġġedded. Matul dik is-sena – jiġifieri bejn Ottubru tal-1998 u Ottubru tal-1999 – ma jidhirx li l-attur ħa xi passi biex jitlob li l-klawsola tat-tiġdid tal-kuntratt bi tliet (3) snin titwettaq;

Illi l-Qorti tqis li, f'dan il-qafas tal-fatti, konsiderazzjoni ewlenija li għandha piż qawwi fuq is-soluzzjoni tal-kwestjoni hija n-natura tal-kuntratt ta' mpieg li ngħata lill-attur. Fil-każ tal-attur, il-kuntratt oriġinali kien wieħed għal żmien definit ta' sentejn. Ma kienx kuntratt għal żmien indefinit. Wara li ntemmu l-ewwel sentejn ta' servizz, u minkejja li l-imħarrkin jgħidu li s-superjuri tal-attur ma kinux kuntenti bil-mod kif kien qiegħed iwettaq (jew ma jwettaqx) il-ħatra tiegħu, il-kuntratt tal-attur iġġedded (wieħed għandu għax jaħseb li dan it-tiġdid sar ukoll bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt oriġinali) b'sena oħra bit-tama li l-imġiba tiegħu titjieb. Meta l-ilmenti baqgħu jitressqu u meta saħansitra tqajmet "*charge*" kontrih dwar xogħol ieħor li kien jagħmel fil-ħin normali tax-xogħol tiegħu, il-kuntratt ma reġax iġġedded wara dik l-estensjoni;

Illi l-attur iħambaq ħafna fuq il-fatt li l-imħarrkin ma ħarsux it-termini espressi ta' waħda mill-klawsoli tal-kuntratt tal-impieg, jiġifieri dik li kienet tistipola l-għoti minn xi waħda mill-partijiet tal-pre-avviż ta' tliet (3) xhur

lill-parti l-oħra dwar it-temm tal-impieg. Huwa jilminta li, wara li kien intalab li joħroġ fuq "*forced leave*", xi ħmistax wara irċieva ittra li għarrfitu li l-kuntratt tiegħu ma kienx qiegħed jiġġedded u li għalhekk l-impieg tiegħu ntemm. L-attur jgħid li dan kien każ ta' tkeċċija mill-impieg bi ksur tal-ftehim li kien jgħid li ried jingħata l-pre-avviż. Ma' dan huwa jżid jgħid ukoll li baqa' ma ngħata l-ebda raġuni għaliex il-kuntratt tiegħu ntemmlu;

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-attur lanqas dwar dan l-ilment. Huwa prinċipju bażilari u aċċettat li ladarba l-kuntratt tal-impieg kien wieħed għal żmien li jagħlaq, ma tidħolx il-kwestjoni tal-għoti tal-avviż li wieħed jistenna fil-każ ta' kuntratt ta' mpieg indefinit[44]. Il-pre-avviż maħsub (u pattwit)[45] fil-kuntratt tal-impieg tal-attur ma kienx eċċezzjoni jew deroga għal dik ir-regola. Kien jgħodd biss għal meta kull waħda mill-partijiet (magħdud l-attur bħala l-persuna ingaġġata) riedet ittemm ir-rabta kuntrattwali matul il-ħajja tal-istess kuntratt u qabel l-għeluq taż-żmien maqbul. Kemm hu hekk, fil-każ fejn l-impjegat (bħalma kien l-attur) jagħżel li jtemm il-ħatra taħt l-imsemmija klawsola, iddaħħlet il-frażi "*before the stipulated time*" li tista' tfisser biss ħaġa waħda. Kliem jixxiebah jintuża wkoll fil-klawsola fejn ikun il-Gvern li jtemm l-impieg qabel żmienu, u kien hemm stipulat ukoll li l-impjegat (f'dan il-każ l-attur) ma kellux jedd li jfittex għall-ebda għamla ta' kumpens jekk kemm-il darba l-Gvern jagħżel li ma jġeddidx il-kuntratt. F'kull każ, dak il-pre-avviż ma kienx mitlub jew dovut fejn il-kuntratt ma jkunx sejjer jiġġedded wara li jagħlaq;

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad dwar ir-raġuni tat-temm tal-impieg. Ladarba dan huwa każ fejn il-kuntratt ma ġġeddidx, l-għoti ta' raġuni tista' tkun biss ċirkostanza sekondarja għaliex f'kuntratt bħal dak ir-raġuni ewlenija tat-temm tal-impieg hi l-fatt li għalaq iż-żmien miftiehem tal-kuntratt bla ma reġa' ġie mġedded. Fi kliem ieħor, f'kuntratt ta' mpieg għal żmien definit, l-għeluq taż-żmien waħdu huwa r-raġuni (miftehma mill-partijiet sa mill-bidu tar-rabta kuntrattwali ta' bejniethom), minkejja li seta' kien hemm jew ma kienx hemm raġuni tajba oħra li wasslet lil xi waħda mill-partijiet li ma ġġeddux;

Illi l-attur jissottometti wkoll[46] li ladarba l-ewwel kuntratt tiegħu għadda u baqa' fl-impieg bla ma ngħata kuntratt ieħor, dan ġab l-effett li l-impieg tiegħu nbidel f'wieħed għal żmien li ma jagħlaqx[47], u għalhekk kien meħtieġ li jingħata l-pre-avviż. Il-Qorti tqis li dan l-argument kien ikun tajjeb u ta' siwi kbir li kieku l-attur ma kienx uffiċjal pubbliku u li kieku kien baqa' fl-impieg minn tal-anqas sal-2002. Imma ma hemmx dubju li

[44] Ara art. 36(3) u (5) tal-Kap 452 (fil-każ ta' kuntratti tal-impieg ta' impjegat fis-settur privat)
[45] Klawsoli 3(ċ) u (d)
[46] §8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 138 tal-proċess
[47] Art. 34(2) tal-Kap 452

l-kuntratt li ngħata kien jagħmilha ċara u min-natura tiegħu li l-attur kien ingaġġat bħala uffiċjal pubbliku. Il-liġi[48] tgħid li d-dispożizzjonijiet li jgħoddu għal impjegati fis-settur privat f'dak li jikkonċerna t-temm jew it-tkeċċija mill-impieg ma jgħoddux għal uffiċjali pubbliċi, sakemm ma jkunx espressament hekk ingħad f'xi regolament maħruġ mill-Ministru[49]. Dan jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, li kieku wkoll id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu kienu jgħoddu għal uffiċjal pubbliku, dawn iddaħħlu fil-liġi biss fl-2002, meta l-impieg tal-attur kien ilu mitmum kważi tliet snin. Għalhekk, l-attur ma setax jistrieħ fuq dik id-dispożizzjoni partikolari tal-liġi u għalhekk ukoll, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel, il-kwestjoni tal-pre-avviż ma tgħoddx għall-każ;

Illi f'dan ir-rigward, minħabba l-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm intgħamlu, il-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin[50] dwar l-għan u l-applikabilita' tal-klawsola dwar il-pre-avviż li kienet iddaħħlet fil-kuntratt tal-impieg tal-attur;

Illi għar-rigward tat-<u>tieni kawżali dwar in-nuqqas ta' evalwazzjonijiet perjodiċi</u>, jidher li sa ma għalaq il-kuntratt oriġinali, tassew ma kienet saret l-ebda evalwazzjoni, u din stqarrha wkoll id-Direttur imħarrek. Il-kuntratt tal-impieg[51] kien jgħid li riedet issir evalwazzjoni flimkien ma' żewġ "*mid-term reviews*", waħda kull sitt (6) xhur. Mill-provi mressqa jidher li saret evalwazzjoni waħda f'Jannar tal-1999[52], meta l-kuntratt kien imġedded għal sena u f'liema evalwazzjoni jingħad b'mod ċar li l-għażla tal-attur kienet żbaljata għaliex ma kienx il-persuna xierqa għall-kariga li nħatar għaliha. Madankollu, fl-ittra li d-Direttur ta' dak iż-żmien bagħtlu (f'Ġunju tal-1998 u għalhekk qabel ma għalaq il-kuntratt oriġinali)[53], l-attur kien imwissi wkoll bl-ilmenti li kienu qegħdin isiru fil-konfront tiegħu minn bosta bnadi, magħdud mill-Bord tal-Viżitaturi tal-Ħabs, u li ma kienx fi ħsiebu jirrakkomanda li l-kuntratt jiġġedded wara l-għeluq tiegħu. F'dawn iż-żewġ dokumenti jissemmew ir-raġunijiet jew iċ-ċirkostanzi li dwarhom id-Direttur wera li ma kienx kuntent bil-livell tax-xogħol tal-attur. L-attur kien mgħarraf bil-kontenut ta' dawn iż-żewġ dokumenti, ukoll jekk kellu jedd ma jaqbilx magħhom jew xtaq jikkontestahom. Il-Qorti ma tistax tagħti wisq piż lill-ittra ta' rakkomandazzjoni li kiteb l-ex-Direttur tal-Faċilita' ladarba meta kitibha kien ilu li ħalla l-kariga ta' Direttur għal xi xhur u meta din ma kenitx

[48] Ara art. 84(1) tal-Kap 452
[49] Art. 48(1) tal-Kap 452
[50] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 143 – 5 tal-proċess
[51] Ara Dok "A" Appendiċi 'B' f'paġġ. 11 – 2 tal-proċess
[52] Dok "OPM6", f'paġġ. 319 – 320 tal-atti tal-kawża 772/00
[53] Dok "OPM5" f'paġġ. 317 – 8 tal-atti tal-kawża 772/00

marbuta mal-evalwazzjonijiet interni li kienu mistennija li jsiru skond il-kuntratt tal-impieg;

Illi sa ma waslet biex tagħlaq dik is-sena, kien beda jberraq fir-rigward tal-impieg tal-attur. Sadattant, kien reġa' ngħata l-ħatra d-Direttur li kien hemm meta beda l-impieg tal-attur u dan kien ħareġ akkuża dixxiplinari kontra l-istess attur li ttellgħet quddiem il-Kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku. Sa ma tnieda l-proċess, ma kienx hemm żmien u skop biex issir evalwazzjoni oħra għaliex l-attur kien intalab joħroġ bil-*forced leave* u għalhekk ma kienx qiegħed jagħti servizz aktar x'wieħed seta' jivvaluta. Għalhekk, jekk sar xi ksur tal-imsemmija kundizzjoni, dan seħħ matul il-kuntratt oriġinali, li skada mal-għeluq taż-żmien miftiehem u li dwaru l-attur ma ressaq l-ebda lment f'din il-kawża;

Illi t-<u>tielet kawżali tirrigwarda l-għamla ta' xogħol li l-attur ingħata jagħmel</u>. Jidher li l-attur jilmenta kemm mill-faċilitajiet jew tagħmir (jew nuqqas tagħhom) li kien ingħata biex jaħdem bihom u kif ukoll mill-għamla ta' xogħol li ntalab jagħti;

Illi l-imħarrkin jiċħdu dawn l-ilmenti u jirribattu billi jgħidu li l-imġiba u l-karattru tal-attur innifsu wasslu biex is-superjuri tiegħu jagħtuh xogħol li kien jidher aktar xieraq għalih. Huma ressqu xhieda biex juru li l-attur ma kienx wera l-ħila mistennija fil-grad u l-ħatra li ngħatatlu u li beda jingħata xogħol li seta' jkun aktar qrib ix-xejriet tiegħu, b'mod partikolari fejn tidħol il-ħila tiegħu li jservi ta' "*liaison*" bejn l-amministrazzjoni tal-Faċilita' u wħud mill-priġunier barranin, minħabba l-użu tal-ilsien għarbi;

Illi mill-provi ħareġ li l-mansjonijiet li l-attur kien mistenni jwettaq fil-ħatra li ngħata kienu mfissra b'mod ġenerali fil-kuntratt tal-ingaġġ[54] u b'aktar dettal fl-ewwel Appendiċi mehmuż miegħu[55]. Minbarra li seħaq fuq il-fatt li ma ngħatax kamra xierqa li seta' jinqeda biha bħala uffiċċju tiegħu, l-attur ma fissirx sewwa liema kien dak ix-xogħol li ngħatalu li ma kienx jaqa' fil-firxa ta' mansjonijiet li jissemmew fil-kuntratt. Seħaq ħafna li hu kien għamel żmien jingħata xogħol ta' billejl u li dan qatgħu mill-kuntatt li kien ikollu mad-detenuti li kieku kien jingħata jaħdem fix-xift ta' binhar;

Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment ma jurix li kien seħħ ksur tal-kundizzjonijiet maqbula min-naħa tal-imħarrkin jew tat-tmexxija tal-Faċilita' bi ħsara għall-attur. Minbarra dan, kien hemm iċ-ċirkostanza ippruvata li l-attur kien jitqabbad jagħti servizz ta' interpretu jew ta' traduzzjoni fi proċeduri fil-Qrati u li dan, minkejja li kien jurta lis-superjuri tiegħu, kien iżommu 'l

[54] Ara Klawsola 5 f'Dok "A", f'paġ. 9 tal-proċess
[55] *Ibid.* f'paġġ. 10 – 1 tal-proċess

bogħod mit-twettiq ta' mansjonijiet oħra li kien imissu jwettaq taħt il-kuntratt. Għalkemm mis-sejbiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tali servizz ta' interpretu ma kienx kontra l-liġi, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li żamm lill-attur milli jiddedika aktar ħin għat-twettiq tal-funzjonijiet mistennija fil-grad li kellu. Il-Qorti tqis illi dan kien fattur li wassal lis-superjuri tiegħu jikkunsidraw ukoll biex ma jġeddux il-kuntratt tal-impieg tiegħu;

Illi dwar ir-raba' kawżali li l-impieg intemmlu b'mod irregolari u bla ma tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li kien jirregola l-impieg tiegħu, il-Qorti tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet dwar l-ewwel kawżali. Ladarba lill-attur ma reġax iġġeddidlu l-kuntratt tal-impieg wara li għalaq iż-żmien tal-kuntratt oriġinali, ma jistax jingħad li l-kuntratt intemmlu b'mod irregolari jew li ma tħarsux il-patti miftehma għat-temm tiegħu. Jerġa' jingħad li dan ma kienx każ ta' tkeċċija qabel iż-żmien (kieku l-Qorti lanqas ma kien ikollha s-setgħa tisma' l-kawża minħabba li kwestjoni bħal dik imissha titressaq f'forum ieħor), imma każ ta' nuqqas ta' tiġdid mal-għeluq tal-kuntratt kif estiż;

Illi fil-ħames kawżali tan-nuqqas ta' ħlas ta' benefiċċji l-attur jgħid li l-imħarrkin kisru l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt il-kuntratt billi naqsu li jħallsuh il-benefiċċji jew *allowances* li kien jistħoqqlu jitħallas. B'mod partikolari, huwa jgħid li kien ħadem sigħat aktar ta' sahra li dwarhom baqa' ma tħallasx[56] u lanqas tħallas *allowance* partikolari li huwa jgħid kienet titħallas lil ħaddieħor. L-imħarrkin iwarrbu dawn l-ilmenti u jisħqu li, għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-attur, ma seħħ l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet miftehma fil-kuntratt tal-impieg;

Illi b'mod partikolari, l-imħarrkin jgħidu li s-sahra ma tidħolx fil-każ tal-attur għaliex il-grad li kellu kien wieħed li, skond il-ftehim settorali[57], jitqies bħala "*non-overtime grade*"[58]. Din iċ-ċirkostanza hija wkoll waħda mill-patti espressi fil-kuntratt tal-impieg tiegħu[59]. Fir-rigward tal-ħlas tal-*allowances* intwera li din kienet titħallas lil dawk il-gwardjani li kienu mibgħuta jaħdmu f'taqsimiet iżjed delikati u perikolużi fil-Faċilita' li l-attur ma kienx jintbagħat jaħdem fihom;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi l-Qorti tasal għall-fehma li l-attur naqas li juri li tassew seħħ xi ksur tal-kundizzjonijiet miftehma tal-kuntratt min-naħa tal-imħarrkin jew ta' xi wieħed minnhom. Għalhekk, l-ewwel talba mhijiex sejra tintlaqa';

---

56 Xhieda tiegħu f'paġ. 110 tal-atti tal-kawża 772/00

57 Ara Dokti "JA1" u "AC1", f'paġġ. 426 u 411 tal-atti tal-kawża 772/00

58 Ara x-xhieda ta' Emanuel Cassar f'paġġ. 241, 245 u 270 tal-atti tal-kawża 772/00

59 Klawsola 5 f'Dok "A", f'paġ. 8 tal-proċess

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, lanqas ma tista’ tilqa’ t-**talbiet l-oħrajn attriċi** minħabba li dawn jiddependu fuq it-talba ta’ qabilhom u huma konsegwenzjali għalihom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrkin billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** għaliex ma ntweriex li l-imħarrkin jaħtu ta’ ksur tal-kundizzjonijiet miftehma tal-kuntratt tal-ingaġġ tal-attur;

**Tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba’ talbiet attriċi** minħabba li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kwantu għal tliet kwarti ($^3/_4$) mill-attur u kwantu għal kwart ($^1/_4$) mill-imħarrkin flimkien bejniethom.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**8 ta’ Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**8 ta’ Ġunju, 2017**